

**Brussell, 8 ta' Lulju 2026  
(OR. en)**

**11393/26**

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0150(COD)**

---

**AGRI 565  
AGRIFIN 134  
CODEC 1375**

**NOTA PUNT "A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' tip speċifiku ta' intervent biex jiġi pprovdut appoġġ temporanju eċċezzjonali skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-possibbiltà li jiġu adattati l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027 u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward ta' regoli aktar flessibbli dwar il-pagamenti bil-quddiem b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani **(l-ewwel qari)**

- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
- Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE

---

1. Fit-12 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta<sup>1</sup> tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġie kkonsultat.
3. Fis-7 ta' Lulju 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet li jaċċettaw il-proposta tal-Kummissjoni u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> 10328/26 + ADD 1.

<sup>2</sup> 11268/26.

4. Fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Lulju 2026, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura kkonferma l-qbil tiegħu u qabel li jissuġġerixxi li l-Kunsill, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher f'PE-CONS 43/26; u
  - jidderoga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.
5. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1 ta' din in-nota.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---